**Minuti tat-Tlieta u Tletin ( 33 ) Laqgħa tas-Sitt ( 06 ) Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar li nżammet nhar il-Ħamis 14 ta' Ottubru, 2010 fl-Uffiċċju Amministrattiv ta' l-istess Kunsill Lokali fil-05.30 ta' filgħaxija.**

Il-Laqgħa bdiet fis-05.40 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

| | Ħin Dħul | Ħin Ħruġ |
|---|---|---|
| Sindku Perit Graziella Galea | 5.40 p.m. | 6.50 p.m. |
| Viċi Sindku John Bray | Skużat | |
| Kunsillier Peter Abela | 5.40 p.m. | 6.50 p.m. |
| Kunsillier Ray Bartolo | 5.40 p.m. | 6.48 p.m. |
| Kunsillier Alexander Bezzina | Skużat | |
| Kunsillier Jason Camilleri | 5.40p.m. | 6.37p.m.<br>( Skużat ) |
| Kunsillier Mario Camilleri | 5.40 p.m. | 6.50p.m. |
| Kunsillier Frank Gauci | 5.42 p.m. | 6.50p.m. |
| Kunsillier Alfred Grima | 5.40p.m | 6.50p.m. |
| Kunsillier Raymond Tabone | Skużat | |
| Kunsillier Martin Zerafa | 5.40 p.m. | 6.50 p.m. |

Is-Sindku mexxiet il-Laqgħa tal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għall-laqgħa.

**1.00 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti tat-Tnejn u Tletin (32) Laqgħa tal-Kunsill li saret fid-9 ta' Settembru, 2010.**

1.01 Ġew approvati l-minuti b'dawn il-korrezjonijiet:

(a) F'*item* 5.01 fl-aħħar tat-tieni paragrafu wara "**minn dik preżenti.**" Tiżdied is-sentenza **"Ġie maqbul li l-kuntratt ta' Burmarrad jiġi mġedded sa l'aħħar tas-sena."**

(b) F'item 8.09 (1.) wara l-kliem **"tal-promenade"** jiżdiedu l-kliem **"u għalhekk għandhom jitwaħħlu tabelli apposta."**

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti tal-Laqgħa Nru (32) tad-9 ta' Settembru 2010.**

Dwar Para. 3.01 Il-Kunsillier Martin Zerafa staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi dwar il-każ ta' Jonstor. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li dwar il-każ tal-*invoice* biċ-ċifri alterati, ma kien hemm l-ebda risposta minn naħa tal-Pulizija, filwaqt li dwar il-kwantita ta' *invoices* iffirmati mis-Sur Joe Borda (MRRA) u li għalihom ma kienux inħarġu purchase orders mis-Segretarju Eżekuttiv preċedenti, kienu ntalbu u ngħataw xi kjarifiki mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali u kien infurmat li ġew maħtura tlett persuni mid-Dipartiment sabiex jinvestigaw il-każ.

Dwar Para. 3.03 Il-Kunsillier Alfred Grima qal li meta kien responsabbli hu mill-latrini publiċi kien ġie nfurmat li l-latrina Ta' Fra Ben kellha tiġi rranġata mill-Gvern Centrali.
Is- Sur Mario Camilleri qal li l-perit issa kien ipprepara pjanta ġdida għall-latrina tax-Xemxija b'rampi u *toilets* għall-persuni b'diżabilita', *dividers* tal-*aluminium*, madum sas-saqaf, u *fittings* tad-dwal u tal-ilma ġodda, etc. Il-*fittings* kienu ser isiru *vandal-proof*.

Dwar Para. 8.08 Il-Kunsillier Raymond Bartolo qal li l-attivita' f'Burmarrad, Festa Bdiewa kienet swiet madwar Euro 7,031.
Is-Sindku l-Perit Graziella Galea, flimkien mall-Kunsilliera, irringrazjaw u taw prosit lill-Kunsillier Raymond Bartolo u lil dawk kollha nnvoluti għax-xogħol u s-suċċess ta' din l-attivita'.

**3.00 Korrispondenza u Komunikazzjonijiet**

3.01 Ġiet imqassma lista tal-korrispondenza li kien fiha 35 *item*. Minn din il-lista inqraw u ittieħdu deċiżjonijiet fuq l-ewwel 14 il-*item*. Id-deċiżjonijiet kollha dwar din il-lista ta' Korrispondenza u Komunikazjonijiet tinsab fil-lista annessa ma' dawn il-minuti.

3.02 Dwar item Nru. 2 tal-korrispondenza fejn ġiet ippreżentata stima u rapport mill-inġinier Renzo Curmi dwar bdil ta' dwal *uplighters* fuq iz-zuntier tal-knisja parrokjali ta' San Pawl il-Baħar, il-Kunsillier Mario Camilleri qal li huwa ma jaqbilx

li din l-ispiża għandha ssir mill-Kunsill Lokali. Is-Sindku, il-Perit Graziella Galea, qalet li sa fejn taf hi dawn id-dwal kienu oriġinarjament twaħħlu mill-Kunsill Lokali u għalhekk la darba kien hemm bżonn li jinbidlu, il-Kunsill jista' jagħmel tajjeb għal dawn l-ispejjeż. Minħabba li deher li ma kienx hemm qbil, is-Sindku talbet votazzjoni dwar jekk il-Kunsill għandux joħroġ offerta għal dan ix-xogħol. Ir-riżultat tal-votazzjoni kien ta' tliet voti favur (Graziella Galea, Raymond Bartolo u Frank Gauci), tliet voti kontra (Alfred Grima, Mario Camilleri, u Jason Camilleri) u wieħed (Martin Zerafa) astjena. Is-Sindku, il-Perit Graziella Galea, użat il-*casting vote* favur u ġie approvat li tintalab kwotazjoni għax-xiri u installazjoni ta' dawn id-dwal. Waqt il-ħin tal-votazzjoni, il-Kunsillier Peter Abela kien barra l-kamra tal-Laqgħa.

3.03 Dwar korrispondenza Nru. 5 mill-Perit Godwin Vella li huwa sid il-kera tal-Uffiċini Amministrattivi preżenti tal-Kunsill Lokali, ġie approvat li ssir estensjoni tal-kera għal sitt xhur bir-rata mitluba mill-Perit Vella. Dan sar minħabba l-fatt li l-Kunsill għadu qed jistenna mingħand il-MEPA dwar il-permessi meħtieġa għall-post il-ġdid.

3.04 Meta ġiet diskussa l-korrispondenza numru 12, li kienet talba mill-Kunsillier Frank Gauci għal spejjeż minħabba ħsara fil-vettura tiegħu minħabba ħsarat fi triq, il-Kunsillier Gauci ħareġ barra mill-kamra għaliex iddikjara li kellu kunflitt ta' nteress. Ġie deċiż li din l-ittra tintbgħat lill-avukat tal-Kunsill għall-parir tiegħu.

3.05 Meta bdiet tiġi diskussa l-korrispondenza Nru. 15 dwar sejħa għal ingaġġ ta' skrivan/a full-time mall-Kunsill minħabba li żewġ impjegati *part-time* kien ser jgħalqilhom iż-żmien tal-ingaġġ tagħhom, inqalgħu xi argumenti dwar kummenti li kien għadda l-Kunsillier Alfred Grima fuq l-ingaġġ tal-aħħar skrivana li kienet ġiet impjegata mall-Kunsill riċentement. Id-diskussjoni fuq din il-korrispondenza ma' tkomplietx u ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni.

Waqt dawn l-argumenti li nqalgħ il-Kunsillier Jason Camilleri telaq mill-Laqgħa minġabba mmpenji ta' xogħol. Aktar tard ħalla l-kamra wkoll il-Kunsillier Raymond Bartolo u kien baqa' biss sitt kunsilliera fil-kamra.

L-argumenti bejn il-Kunsilliera Alfred Grima, Peter Abela u oħrajn komplew jiskalaw u f'ħin minnhom il-Kunsillier Alfred Grima informa li huwa wkoll kien ser jitlaq mill-Laqgħa. F'dan il-ħin ma' kienx hemm aktar *quorum* u għalhekk il-Laqgħa waqfet. Il-ħin kien is-6.50 ta' filgħaxija.

Perit Graziella Galea<br>Sindku

John J. Camilleri<br>Segretarju Eżekuttiv

16 ta' Novembru 2010

ref. 55/0590/10/0SG